MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 210/2009

**F. Cordina & Sons Limited (C 2864)**

**vs**

**Michael Degiorgio**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' disat elef, erba' mija u sebghin Ewro (€9,470) rapprezentanti merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, liema somma huwa naqas milli jhallas, inkluz imghaxijiet mill-20 ta' Settembru tas-sena 2008 sad-data tal- pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Mejju tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Michael Degiorgio ihallas is-somma ta' disat elef, erba' mija u sebghin Ewro (€9,470) lis-socjeta` rikorrenti *F. Cordina & Sons Limited (C 2864)*;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-intimat Michael Degiorgio.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------